MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 205/2003

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Caroline Bartolo**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta’ Jannar 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u erbghin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm540.94) bhala hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta in konnessjoni ma’ mobile phones bin-numri 99466713 u 99865909.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-interessi kontra l-

konvenuta mid-data ta’ meta l-ammont pretiz f’din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet regolarment notifikat, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u erbghin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm540.94) bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru prezentat kontestwalment ma’ l-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------